**- *JUDICIAL REVIEW* -**

**- GURISDIZZJONI TAL-QRATI ORDINARJI U TRIBUNAL INDUSTRIJALI-**

**- *INTRA VIRES*- GUSTIZZJA NATURALI -**

**- ART.28, 30(3), 32 (4), 33 TAL- KAP 266 -**

**- ART. 202; 203 TAL-KAP 12 -**

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 14 ta' Frar, 2001

**Kawza Numru:   10**
**Citazzjoni Numru: 863/00/RCP**

**Joseph Micallef**

**vs**

**Stivala Distributors Limited**

**Il-Qorti,**

**I.  PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi wara l-Kaz Numru 1297 ipprezentat quddiemu, it-Tribunal Industrijali ta' d-decizzjoni tieghu numru 1099 tal-20 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet "Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited dwar tkeccija mill-impjieg tal-istess Joseph Micallef allegata li hija ngusta" f'liema decizzjoni it-Tribunal Industrijali ddecieda li ma jilqax it-talba tal-appellant Joseph Micallef li tkecca ingustament; u illi din id-decizzjoni hija nulla u bla effett in kwantu, *inter alia,* applikat il-Ligi hazina stante illi l-principju fundamentali enuncjat mill-istess Tribunal Industrijali dwar l-obbligu ta' prova ghall-fatti allegati gie applikat zbaljatament b'mod car u manifest; u illi in oltre l-istess decizzjoni hija nulla u bla effett stante illi it-Tribunal Industrijali ma addottax l-procedura korretta ai termini tal-ligi fis-smiegh tal-kaz u dan wassal l-istess Tribunal ghad-decizzjoni zbaljata li ha fil-konfront tal-attur.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizzjoni Numru 1099 fl-20 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet "Joseph Micallef vs Stivala Distributers Limited" fuq imsemmija hija nulla u minghajr effett *ai termini* u effetti kollha tal-ligi ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn gie ecceppit:

1. Illi d-decizzjoni tat-Tribunal Industrijali numru 1099 moghtija fl-20 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet 'Joseph Micallef vs Stivala Distributors Ltd' hija gusta u timmerita konferma ghax *inter alia* gew osservati l-proceduri w il-ligijiet kollha applikabbli.

2. Illi konsegwentement it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 10 tal-process.

Rat il-verbali tal-20 ta' Gunju 2000 u tad-9 ta' Novembru 2000 fejn Dr Mifsud Bonnici talab l-allegazzjoni tal-process ta' l-award tat-Tribunal Industrijali ta' l-20 ta' Marzu 2000 fl-ismijiet "Joseph Micallef vs Stivala Distributors Limited". Il-Qorti laqghet it-talba. Dr Mifsud Bonnici esebixxa kopja tal-award u d-difensuri qablu li tali kopja hija kopja fidila tal-original. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi x'jipproducu. Dr Mifsud Bonnici talab li jipprezenta nota ta'

osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta’ tlettin jum ghall-prezentata tal-istess nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto jew notifika tad-difensur tal-kontro-parti li kellu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur tat-8 ta’ Jannar 2001.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. L-AZZJONI ATTRICI.

Illi l-attur qed issostni li l-Kaz Numru 1297 deciz fl-20 ta’ Marzu 2000 mit-Tribunal Industrijali fl-ismijiet “Joseph Micallef vs Stivala Distributers Limited” huwa null u bla effett stante li l-istess Tribunal Industrijali :-

(a) applika l-ligi hazin ghaliex l-obbligu ta’ prova ghall-fatti allegati gie applikat zbaljatament;

(b) ma applikax il-procedura korretta *ai termini* tal-ligi ghas-smiegh tal-kawza u dan wassal ghal decizzjoni zbaljata fil-konfront tal-attur.

## B. L-ALLEGAZZJONI ATTRICI.

Illi l-attur qed jallega li l-procedura li normalment l-istess Tribunal Industrijali jimxi biha huwa li l-ewwel jitressqu l-provi tal-appellat, u wara jitressqu l-provi tal-appellant, izda skond hu, f'dan il-kaz ma garax hekk stante li l-appellat thalla iressaq provi li ma kienux dikjarati mill-bidu wara li xehed l-appellant, anke meta l-istess appellat kien jaf mill-bidu bl-istess xhieda; u *di piu'* qed isostni li l-istess Tribunal fis-sentenza tieghu mar kontra l-principju li wiehed ghandu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u dan billi it-Tribunal Industrijali xorta sostna li l-appellat pprova li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur kienet wahda gustifikata, meta huwa sostna li l-provi tas-socjeta' konvenuta ma humiex konvincenti.

## C. IL-POSIZZJONI LEGALI U GURIDIKA.

Illi skond l-**Artikolu 28 (1) tal-Kap 266**, it-Tribunal Industrijali ghandu "*gurisdizzjoni esklussiva li jikkonsidra u jiddeciedi kazijiet dwar tkeccija ingusta ghal kull ghan ….. u rimedju ta' haddiem hekk imkecci b'mod ingust ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali*".

Illi ghalhekk fi kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impjieg, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni u ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dak tat-Tribunal Industrijali, u dan aktar w aktar fid-dawl ta' **Artikolu 31** tal-istess **Kap 266**, fejn l-istess Tribunal ghandu fil-procedura tieghu jizgura li ssir "*gustizzja skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u bla hsara tar-regoli tal-gustizzja naturali*".

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess is-sentenza "**John Holland et noe vs Julian Schembri**" (A.C. 20 ta' Mejju 1991) stabilliet il-gurisdizzjoni tal-Qorti f'dawn il-kliem:

"*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghall-meta t-Tribunal Industrijali tmur 'ultra vires' u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba, jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi, li jirregola l-pagi u patatijiet u kondizzjonijiet ohra ta' impjieg.*"

Illi tal-istess portata hija s-sentenza "**Reno Alamango vs Mary Rose Ciantar**" (A.C. 29 ta' Mejju 1991) fejn inghad li dawn il-Qrati jistghu jissindikaw il-lodo tat-Tribunal Industrijali biss sabiex jaraw li l-istess Tribunal ma eccediex il-gurisdizzjoni tieghu, u sabiex jaraw li l-principju ta' gustizzja naturali gew segwiti fil-procedura taghhom u l-osservanza fl-istess lodo tad-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 31 (3) u Artikolu 32 (4) tal-Kap 266.**

Illi fis-sentenza "**Thomas Montalto vs il-Maggur Stanley J A Clews et**" (P.A.F. 26 ta' Mejju 1987- Vol LXXI.II.668) jinghad illi:

"*Mis-suespost titnissel neccessarjament il-konkluzzjoni illi l-gurisidizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F'dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-ligi u josserva l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt li tissindika, meta tkun hekk giet mitluba w adita li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-Ligi illi in forza taghha huwa kkostitwit. Evidentement, u indubjament imbaghad, il-Qorti ghandha s-setgha li tara li t-Tribunal bl-ebda mod ma kiser xi wiehed mid-drittijiet fondamentali tal-bniedem".* (vide "**Salvina Borg D'Anastasi vs Jane Decesare et noe**" (P.A.F. 3 ta' April 1989 - Vol LXIII - III 753). '**Mario Vella Gatt noe vs Christopher Cassar**' (G.V. 24 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI - III).

Illi dawn il-principji kollha gew applikati fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"MIB Holding Limited vs Anthony Pace"** (P.A. RCP. 2 ta' Marzu 2000) fejn gie ribadit il-principju li *"din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tissindika l-operat tat-Tribunal Industrijali, mhux bhala Qorti tal-Appell, izda sabiex taccerta ruhha li l-istess Tribunal Industrijali agixxa intra vires, skond il-principji tal-gustizzja naturali u ai termini tal-**Artikolu 31 (3) u 32 (4) tal-Kap 266.** Illi stabbilit il-premess, u stabbilit li dan huwa kaz dwar allegazzjoni ta' tkeccija ingusta, il-kompetenza ta' din il-Qorti tieqaf hawn, ghaliex skond l-**Artikolu 28 (1) tal-***

***Kap 266,*** *l-istess Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva dwar id-determinazzjoni tal-istess, kemm dwar fatt u kemm dwar il-ligi, liema gurisdizzjoni esklussiva tinkludi wkoll id-determinazzjoni stess ta' x'jikkonsisti "tkeccija ingusta" fit-termini tal-ligi".*

Illi f'dan is-sens hija wkoll is-sentenza "**Anglu Fenech et noe vs Albert Mizzi et noe**" (Appell Civili - 25 ta' Marzu 1991) u s-sentenza "**Michael Mallia noe vs Carmel Debono noe et**" (Appel Civili – 13 ta' Frar 1997) fejn inghad illi:

"*Jidher li qatt ma huwa bizzejjed li jigi ripetut li fis-sistema ntrodotta bl-Att XXX ta' 1976 – illum il-Kapitolu 266 tal-ligijiet – mid-decizzjonijiet tat-Tribunal Industijali m'hemmx appell – u l-Qrati ghandhom funzjoni ta' kassazzjoni fl-1 grad u appell mill-guidizzju ta' kassazzjoni fit-tieni grad". (***"Avukat Dr Victor Falzon noe vs Isabelle Grima**" (Appell Civili 17 ta' Mejju 1993); "**Carmel Grech vs St Iermu Shipping Co Ltd"** (P.A. G.V. - 15 ta' Dicembru 1999)).

D, **<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINCIPJI GHALL-KAZ ODJERN.</u>**

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza istitwita mill-attur titratta dwar ezercizzju ta' *judicial review* minn decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali u din il-kwalita` ta' azzjoni hija

permessibbli li ssir anke fl-isfond tal-gurisprudenza nostrali fosthom dak enuncjat fis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-17 ta' Mejju 1993 fl-ismijiet **"Dottor Vincent Falzon nomine vs Isabelle Grima"** (Vol. LXXVII. Ii. 292) u **"Wilfred Privitera vs Anthony Bonello"** (11 ta' Frar 1993) fejn inghad illi ghalkemm Tribunal jew Bord jista jinghata b'ligi il-gurisdizzjoni esklusiva sabiex jiddeciedi kazijiet specifici, bl-esklussjoni tal-Qrati ordinarji, l-istess qrati ordinarji xorta huma kompetenti biex jissindakaw l-operat tal-istess Tribunal u s-sentenzi tieghu *"pero' limitatament ghall-tlett kategoriji ta' difetti - (a) eccess ta' gurisdizzjoni, (b) nonosservanza ta' l-istess ligi kostitwita - …… u finalment (c) non-osservanza ta' xi wiehed mill-principji fondamentali tal-gustizzja".*

Illi tal-istess portata hija is-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **"Thomas Montalto vs Maggur Stanley J. A. Clews et"** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju 1987 (Vol. LXXI. Iii. 688) fejn wara li l-istess qorti stabbilit illi it-Tribunal Industrijali ma huwiex *"qorti"* fit-termini tad-disposizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, ikkonfermat illi il-Prim'Awla ghandha gurisdizzjoni doppja fuq l-istess Tribunal u cioe' li tara li dan l-istess organu gudizzjarju jimxi skond il-ligi u fil-limiti tal-ligi, u b'hekk ma jesorbitax il-kompetenza tieghu, u wkoll li l-istess Tribunal jimxi skond il-Kostituzzjoni u b'hekk ma jkun hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem.

Illi b'hekk ukoll l-istess sentenza irribadiet dak li ntqal fis-sentenza **"V. Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar**

**is-Servizz Pubbliku”** (Qorti Kostituzzjonali 21 ta’ Jannar 1985) u cioe’ li l-fatt li awtorita’ gudizzjarja ghandha kompetenza esklussiva f’certu materja, u anke fil-kazijiet fejn l-iskrutinju tal-Qorti huwa prekluz milli jezamina jekk tali Awtorita bhal *Public Service Commission* qdietx il-funzjoni taghha, xorta l-istess Qorti ghandha kompetenza li tara li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem ma gewx mittiefsa, u li tali Awtorita’ agixxiet fil-parametri taghha skond mittiefsa, u li tali Awtorita’ agixxiet fil-parametri taghha skond il-ligi. Illi fuq kollox dan kollu huwa wkoll sancit fl-**artikolu 124 (10) tal-Kostituzzjoni** in konnessjoni ma awtoritajiet hemm kostitwiti, bhal Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, u ghalhekk *multo magis* l-istess principji japplikaw ghall-Tribunali kostitwita b’ligi *ad hoc.*

Illi kif inghad ghalhekk fis-sentenzi fuq citati u fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Kummissarju tal-Pulizija u il-Prim’Ministru vs Joseph Rizzo”** (P.A. RCP 3 ta’ Ottubru 2000) din il-Qorti hija hekk limitata fil-gurisdizzjoni taghha, b’mod li tara li l-istess Tribunal ma agixxiex *ultra vires* u li gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma ghandu fil-kwistjoni li giet *ex lege* mhollija fil-kompetenza esklussiva tal-istess Tribunal, b’dan ghalhekk li l-ezercizzju li taghmel din il-Qorti certament ma huwiex wiehed ta’ revizzjoni u zgur mhux wiehed ta’ Qorti ta’ Appell, b’mod li m’ghandha qatt tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess Tribunal.

Illi dan premess wiehed jasal ghall-ewwel *aggravju* tal-attur ghall-istess lodo u jikkonsisti dan fl-allegazzjoni li s-socjeta' konvenuta thalliet tressaq xhieda ohra, meta l-appellant kien gia beda iressaq il-provi tieghu, u skond l-istess attur tali xhieda hekk imressqa s-socjeta' konvenuta kienet taf bihom meta beda il-kaz, u ghalhekk ma kellhomx jithallew jixhdu quddiem l-istess Tribunal f'dak l-istadju.

Illi minn ezami tal-atti processwali tal-istess lodo jirrizulta li l-ewwel bdiet tressaq il-provi s-socjeta' konvenuta, bhala appellat fl-istess proceduri u fil-fatt fis-seduta tal-24 ta' Marzu u 14 ta' Mejju 1999 xehed Jason Farrugia, fid-9 ta' Gunju 1999 xehed Chris Borg Cardona, fit-23 ta' Lulju 1999 xehed l-attur, u fit-12 ta' Ottubru 1999 sar il-kontro-ezami tieghu, fit-22 ta' Ottubru 1999 xehdu Joseph Aquilina u Theresa Micallef imressqa mill-attur, u fil-5 ta' Novembru 1999 xehdu Mario Borg u Victor Attard wara Digriet li inghata mill-istess Tribunal Industrijali, u John Micallef, fis-17 ta' Novembru 1999 xehdu l-istess Victor Attard u John Micallef inkonfront ma Borg Cardona, u gie presentat affidavit ta' Mario Borg, u fit-3 ta' Dicembru 1999 xehed Mario Borg. Illi fl-istess seduta l-appellat iddikjara li ma ghandux provi izjed, u Dr. Noel Camilleri ghall-attur kellu jinforma lit-Tribunal jekk kellux provi izjed sas-16 ta' Dicembru 1999, u l-kaz gie differit ghat-13 ta' Jannar 2000 ghas-sottomissjononijiet orali u wara jigu prezentati s-sottomissjonijiet in iskritt sad-19 ta' Jannar 2000.

Illi huwa sinifikanti wkoll li Dr. Noel Camilleri ghall-attur kiteb fit-18 ta' Jannar 2000 lit-Tribunal Industrijali fejn sostna li huwa irrinunzja ghall-kontro-ezami tax-xhieda hemm indikati u talab zmien ghan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu oltre l-31 ta' Jannar 2000. Fil-fatt fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2000 ma sar xejn, u fil-25 ta' Frar 2000 saru is-sottomissjonijiet orali, u fl-20 ta' Marzu 2000 inghatat id-decizzjoni llum impunjata.

Illi fl-ewwel lok jinghad li *ai termini* tal-**artikolu 31 (3) tal-Kap 266** it-Tribunal ghandu d-dritt li jirregola l-procedura tieghu stess, b'dan pero' li tkun xi tkun il-procedura uzata, it-Tribunal *"ghandu jiehu hsieb jizgura li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz; u bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, it-Tribunal ghandu jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu fuq kull haga b'dak il-mod li jidhirlu xieraq".*

Illi mela allura huwa difficli sew biex wiehed jara kif l-ilment tal-attur dwar il-produzzjoni tax-xhieda tal-partijiet u l-ordni li dawn ghandhom jitressqu, tista' tirnexxi stante li jidher car li l-istess Tribunal huwa liberu li jaddotta l-procedura li jhoss hu, basta jigu rispettati ir-regoli tal-gustizzja naturali.

Illi jidher car li dan l-istess Tribunal Industrijali ghamlu, stante li ta' kull opportunita' lill-partijiet fl-istess kwistjoni li jressqu l-provi taghhom, u jekk ammetta li jingiebu xi xhieda mis-socjeta' konvenuta li ma kienux dikjarati mill-

bidu, xorta' ta l-opportunita' kollha lill-istess attur sabiex jezamina l-istess u jressaq ix-xhieda huwa, kif fil-fatt gara.

Illi jidher car ukoll pero' li tali xhieda ingabu meta l-istess soscjeta' konvenuta ma kienitx ghada ghalqet il-provi taghha, u ghalhekk l-istess socjeta' konvenuta kellha il-fakolta' kollha li tressaq l-istess xhieda. Illi dan qed jinghad biss kieku jigi koncess ghall grazzja tal-argument, li hemm xi regola li tipprovdi li parti ma tistax tressaq provi ulterjuri, wara li taghlaq il-provi taghha, regola li certament ma tezistix fl-istess Tribunal.

Illi fil-fatt mill-verbal tal-istess seduti jirrizulta li l-appellat, is-socjeta' konvenuta odjerna, iddikjarat li ma ghandhiex provi izjed biss fit-3 ta' Dicembru 1999 u mhux qabel l-istess data u wara dak in-nhar l-attur inghata opportunita' li jressaq provi izjed, sabiex kien huwa li ghalaq bil-provi, u kien huwa li irrinunzja ghall-kontro-ezami tal-istess xhieda minnu illum kontestati. Illi certament f'dan l-attegjament it-Tribunal Industrijali mexxa korrettament, ghaliex dejjem ta' l-opportunita' lill-attur sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet tal-appellat, u wkoll ta' l-istess mezzi liz-zewg partijiet sabiex iressqu l-provi kollha taghhom b'mod li l-principju *audi alteram partem* gie pjenament rispettat.

Illi jinghad ukoll li anke fil-Qrati taghna ghalkemm jezistu diversi regoli ta' kif jingabru ix-xhieda, u l-ordni taghhom anke *ai termini* tal-**artikolu 202 tal-Kap 12,** l-istess gudikant dejjem jista' ghar-raguni tajba jvarja tali ordni

skond kif provdut fl-**artikolu 203 tal-istess Kap,** *multo magis* fejn lanqas biss jezistu tali regoli, bhal fit-Tribunal, meta dan huwa liberu li jaddotta l-procedura li huwa jidhirlu li tista' twasslu l-ahjar ghall-finalizzazzjoni tal-process tieghu.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess certament jirrizulta li l-allegazzjonijiet tal-istess attur huma ghal kollox bla bazi, kif ampjament jirrizulta mill-premess u mill-verbali tas-seduti quddiem l-istess Tribunal Industrijali, fejn bla ebda dubju l-procedura fl-ambitu anke tal-principji tal-gustizzja naturali giet ampjament segwita.

Illi t-tieni lamentela tal-attur kienet li fil-korp tad-decizzjoni ghalkemm l-istess Tribunal sostna li l-appellat ipprova li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet wahda gustifikata, fl-istess decizzjoni hemm indikat li l-provi tal-kumpanija ma humiex konvincenti f'diversi punti sottolineati mill-attur fin-nota tal-osservazzjonijiet. Illi skond l-attur allura isegwi li l-appellat ma ipprovax il-kaz tieghu, u ghalhekk l-istess Tribunal, li ddecieda favur l-appellat, kiser il-principju bazilari li min jallega irrid jipprova, ghaliex minhabba tali inkonsistenzi minnu allegati fil-provi tal-appellat, qatt ma setghu iwasslu ghall-konkuzzjoni favur l-istess appellat.

Illi minn ezami tal-istess *Award* jirrizulta car li l-istess Tribunal ibbazza l-konkluzzjonijiet tieghu fuq ix-xhieda li inghatat quddiemu minn Alex Borg Cardona u xhieda ohra fil-kaz, fejn ikkonkludiet li minhabba l-fatti hemm esposti l-

istess socjeta' tilfet il-fiducja taghha fl-attur bhala *foreman,* u ghalhekk iddecidiet favur is-socjeta' konvenuta; b'hekk b'tali konkluzzjoni jidher car li l-istess Tribunal hass li a bazi tal-provi quddiemu prodotti mis-socjeta' konvenuta, l-istess socjeta' irnexxiela tissodisfa l-oneru ta' prova minnha rikjest li l-appellant gie mkecci mix-xoghol ghar-raguni gusta u skond il-ligi, u certament li a bazi tal-istess it-Tribunal Industrijali mexa *ai termini* tal-ligi, dan mibni fuq apprezzament xieraq tal-provi ezistenti quddiem l-istess Tribunal.

Illi pero' hija iktar sinifikanti l-osservazzjoni li din il-Qorti thoss li dak li qed jittenta jaghmel l-attur huwa proprju li jistieden lil din il-Qorti sabiex taghmel hija evalwazzjoni tal-provi li ingabu quddiem l-istess Tribunal, b'dan li tissosstitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-istess organu. Dan certament ma huwiex accettabbli stante li din il-Qorti hija limitata fil-gurisdizzjoni taghha ghal dak li jinghad iktar il-fuq, u certament mhux biex terga tirrikonsidra l-kaz bhala qorti ta' revizzjoni u lanqas sabiex taghti gudizzju fuq id-decizzjoni tal-istess Tribunal.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess, dan l-ilment tal-attur, li jidher li jista' wkoll jigi remotament msejjes fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 266,** huwa wkoll bla ebda bazi ghaliex jidher li l-istess Tribunal fl-operat tieghu agixxa *intra vries,* assigura *ai termini* tal-**artikolu 31 (3)** li l-gustizzja ssir skond il-meriti tas-sustanza tal-kaz u bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali, u bl-ebda mod ma

mar kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (4) u 33 tal-Kap 266**, u b'dan li fil-process kollu l-istess Tribunal *"ghamel l-ezercizzji konsentiti lilu mill-istess ligi li akkordatlu kompetenza esklussiva izda limitatissima fil-kaz tat-tkeccija mill-impjieg skond il-**Kap 266**,* **("Francis Spiteri vs Anthony Cremona et" -** P.A. (FGC) 24 ta' Mejju 1996) u ghalhekk ghandu wkoll jigi michud.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tichad it-talba attrici** bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Frar 2001**